# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 20/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**George Falzon**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, George Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 434254M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: Bejn 8 ta' Gunju, 2011 sa Dicembru 2016 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 Artikolu 18, naqas li jaghti lil Maria Falzon, is-somma ta' €17,055.60, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017 li biha wara ammissjoni tal-appellant, allura imputat, sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal xaghrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **thassarha u tirrevokaha** fejn instabet htija u tillibera lill-appellanti minn kull htija u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2017 f'dik il-parti fejn l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u tad-difensur tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Generali dwar karenza formali fir-rikors tal-appell li ggib maghha n-nullita' tal-istess appell. L-Avukat Generali eccepixxa illi l-appellant ried jitlob it-thassir tas-sentenza u mhux ir-riforma taghha. Meta l-appellant talab "*ir-riforma tas-sentenza"* ma setghax fl-istess waqt jitlob it-thassir u r-revoka taghha u li per konsegwenza dan ma jissodisfax il-vot

tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali. L-appellant isostni li sabiex din il-Qorti tkun tista' tissindika u konsegwentement tordna temperament fil-piena erogata, kellu bil-fors jitlob ir-riforma tas-sentenza fil-bidu tat-talba tieghu;

2. L-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk dwar dak li ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell:

> **419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita' –**
>
> **(a) il-fatti fil-qosor;**
>
> **(b) ir-ragunijiet tal-appell;**
>
> **(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.**

3. L-appellant, wara li ressaq l-aggravji tieghu dwar is-sentenza appellata, ghamel is-segwenti talba: "*jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fejn instabet htija u tillibera lill-appellanti minn kull htija u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa*". Tosserva din il-Qorti illi l-appellant ma ressaq ebda aggravji jew argumenti dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti. It-talba tal-appellant hija wahda kontradittorja ghaliex meta ssir talba ghal-riforma l-appellant ikun qieghed jaccetta s-sentenza f'certi aspetti taghha, per ezemplari, li tkun konfermata dwar is-sejbien ta' htija jew liberazzjoni ta' wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet jew li tkun konfermata kwantu sejbien ta' htija izda varjata kwantu l-piena erogata. Meta jitlob biss ir-riforma tas-sentenza ma jistghax fl-istess waqt jitlob li jkun liberat minn kull htija u piena ghaliex dik tiprospetta talba ghat-tahsir. Naturalment tista' umbaghad issir talba sussidjarja ghat-tahsir fejn tkun mitluba, b'mod sussidjarju, r-riforma konsistenti fil-konferma tas-sejbien tal-htija u varjazzjoni fil-piena erogata;

4. L-appellant isostni illi t-talba tieghu saret skond id-dettami tal-artikolu 419 tal-Kap 9. Ir-risposta tieghu izda ma

tindirizzax din l-eccezzjoni meta jghid illi t-talba ghar-riforma tas-sentenza hija wahda sussidjarja ghal-ewwel wahda jigifieri dik ta' thassir. Ghalhekk il-punt li ghandu jkun deciz hawnhekk hu jekk appellant jistghax jitlob ir-riforma ta' sentenza billi jitlob li din tkun revokata;

5. Tajjeb li jinghad in rigward, illi ezami tal-gurisprudenza in tema juri illi l-Qrati taghna maz-zmien qeghdin jiehdu attegjament kemxejn anqas rigidu minn dak prevalenti fiz-zmien u dan bil-ghan illi, u dejjem fil-parametri li tippermetti l-ligi, jkun salvagwardjat id-dritt ta' ezami iehor minn qorti superjuri. Ara in rigward **Il-Pulizija vs Joseph John Agius – App Krim 9.4.2003, Il-Pulizija vs Paul Tabone – App Krim 1.2.2013, Il-Puliizja vs Lorcharles Pace App Krim 20.7.2012 u Il-Pulizija vs Joseph Galea – App Krim 17.9.2012** fost diversi ohrajn fejn f'din l-ahhar sentenza l-Qorti ssanat r-rikors *marte proprio* anke jekk ma kienx konformi mal-fuq citat artikolu

6. Fis-sentenza citata *supra* **Pulizija vs Joseph Galea**, l-Qorti, minkejja li kien "*hemm element konfuzjonali fil-hsieb tat-talba u .. l-Qorti kellha tfittex fil-korp tar-rikors biex tara ezattament x'ried jghid l-appellant u ghalxiex kien qed jirreferi meta talab l-annullament u r-riforma tas-sentenza*" u minkejja li skond principji enuncjati kellha tiddikjara l-appell null, ghazlet illi tikkonsidra li *t-talba ta' l-annullament u thassir tas-Sentenza u r-riforma ta' l-istess Sentenza jkunu sub-ordinati ghall-xulxin biex b'hekk tissana r-rikors u tkun tista' tisimghu fuq il-mertu.* F'dik il-kawza l-Qorti salvat r-rikors tal-appell billi kkunsidrat it-talbiet bhala sussidjarji ghall-xulxin;

7. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frances Scerri** tas-26 ta' Jannar 2017 kien dikjarat null appell b'talba sia ghat-tibdil kif ukoll tat-thassir tas-sentenza appellata Il-Qorti ccitat is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Galea tat-30 ta' Gunju 1995 li tigbor fiha r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tkun cara u

konformi mal-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali . Hemm kienet saret referenza ghas-sentenza The Police vs John Hili tat-23 ta' Frar, 1972 u dan juri illi hlief ghal xi eccezzjoni rari, n-nuqqas ta' konformita' mal-artikolu 419(1) igib mieghu in-nullita' tal-appell. L-istess sentenza Frances Scerri traccat ukoll gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonal tad-9 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali fejn kien ritenut illi n-nullita' tar-rikors tal-appell ma jimporta ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew 39(1) tal-Kostituzzjoni;

8. Fil-kaz odjern, l-appellant jehtieg li jqieghed lilu nnifsu fis-siggu tal-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar trid tiddeciedi billi tilqa' jew tichad it-talba. F'dan il-kaz ma tistghax tilqa' t-talba biex tirriforma s-sentenza u fl-istess waqt tirrevokaha. A contrario senso ma tistax tichad it-talba ghar-riforma tas-sentenza u fl-istess waqt tirrevokaha ghaliex din jew ser tkun varjata jew revokata;

9. Il-formalizmu zejjed ma hu ta' gid ghall-hadd wisq anqas ghall-dak tal-appellant li f'dan il-kaz qed jistenna risposta jekk is-sentenza ta' karcerazzjoni tieghu ghandhiex tkun konfermata jew mhassra jew mibdula. Izda fl-istess waqt rikors ghal-kliem semplici tal-artikolu 419 **tahsir** jew **tibdil ,** jew kliem iehor li ghandu l-istess tifsira ( Il-Pulizija vs Joseph John Agius u Il-Pulizija vs Paul Tabone citati *supra)* certament ma kienx jaghti lok ghal-kwistjoni hawn devoluta. Din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali;

10. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u tiddikjara l-appell irritu w null minhabba karenza formali skond l-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u bhala konsegwenza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell.